**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum 17 ta' Gunju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Fabian Fleri)**
**(Spt. James Grech)**

**-vs-**

**Marvin Zammit detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 340286M**

Kumpilazzjoni Nru. 182/2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Marvin Zammit talli:

1. fil-lejl ta' bejn id-29 u it-30 ta' Marzu, 2014, mill-istabbiliment bl-isem ta' 'More Supermarket', li jinsab ġewwa Triq L-Għollieq, Mosta, flimkien ma' żewġ persuni oħra ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi il-€2329.45 (elf Lira Maltija) u bil-ħin u dan għad-detriment tad-dirigenti tal-istess stabbilimenti u/jew persuna/i oħra. *Art. 261(a) (b)(c)(f), 262(1)(b), 263(a), 267, 270, Kap 9.*

2. fil-lejl ta' bejn il-25 u is-26 ta' Marzu, 2014, mill-Uffiċċċju tal-Partit Laburista, li jinsab ġewwa Triq Sciortino Ħaż-Żebbuġ flimkien ma' żewġ persuni oħra kkommetta serq ta' oġġetti liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi il-€2329.45 (elf Lira Maltija) u bil-ħin u dan għad-

detriment tad-dirigenti tal-istess stabbilimenti u/jew persuna/i oħra. *Art. 261(a) (b)(c)(f), 262(1)(b), 263(a), 267, 270, Kap 9.*

3. fil-lejl ta' bejn is-17 u it-18 ta' Marzu, 2014, mill-istabbiliment bl-isem ta' 'Chick King', li jinsab ġewwa Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, flimkien ma' żewġ persuni oħra kkommetta serq ta' flus kontanti u sigaretti liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi il-€2329.45 (elf Lira Maltija) u bil-ħin u dan għad-detriment tad-dirigenti tal-istess stabbilimenti u/jew persuna/i oħra. *Art. 261(a) (b)(c)(f), 262(1)(b), 263(a), 267, 270, Kap 9.*

4. fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi sar reċediv ai termin tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz fejn jirrizulta li malviventi kienu tlieta, l-ammissjoni u l-fedina penali tieghu li hi wahda li tohloq thassib galadarba jidher li l-imputat imbarka fuq din il-hajja minn zmien kmieni hafna. Ittiehed in konsiderazzjoni dak dikjarat mill-Probation Officer fil-*Pre-Sentencing Report* pprezentat illum.

Billi jirrizulta li l-imputat qed juri x-xewqa li serjament jipprova jirrijabilita ruhu, din il-Qorti tqis li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda li timponi kundizzjonijiet stretti ta' supervizzjoni fuq l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 49, 50, 261(a) (b) (c) (f), 262(1)(b), 263(a), 267, 270, 276, 277(b) u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta'

probation u servizz ghal perjodu ta' tlett (3) snin, filwaqt li qed jigi ordnat jaghmel mitt (100) siegha servizz fil-kommunita`skond kif ikun dirett mill-Ufficjal tal-Probation.

Inoltre wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas is-somma ta' tlettax il-elf, tmien mija u tlieta u erbghin Euro (€13,843) lil More Supermarkets Ltd.,[1] u dan fi zmien hames snin millum ratealment bl-ewwel pagament jsir dovut fl-ahhar ta' Lulju, 2016.

Illi ghar-rigward tal-hlas tal-esperti, gew esebiti zewg inkjesti. Mhux maghruf, tenut kont tal-istadju bikri li fih gew amessi l-akkuzi, jekk saritx *in genere* dwar is-serqa mill-istabbiliment Chick King u jekk fl-affermattiv, il-proces verbal relattiv ghadu ma giex esebit fl-atti processwali. Ghaldaqstant il-hati ghandu jhallas tlett mija, tlieta u tletin Euro u sitta u erbghin centezmu (€333.46) rapprezentanti terz tal-ispejjez tal-esperti li taghhom gie prezentat rapport fl-inkjesti esebiti f'dan il-procediment, kif ukoll terz ta' dawk l-ispejjez tal-esperti in konnessjoni ma' dawn il-proceduri li ghad iridu, jekk inhu il-kaz, jigu determinati mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

[1] Rapprezentanti terz tal-valur tar-res furtiva in vista li dawn is-serqiet twettqu minn tliet persuni. Vide Rapport Perit Tekniku Vincent Ciliberti a fol. 23 tal-Proces Verbal 531/14. Ara ukoll dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni maghmula nhar it-3 ta' Mejju, 2016.